# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tallum l-Erbgħa 15 ta' Jannar, 2025

**Rikors Ġuramentat Nru.: 31/2021 MH**

**Numru: 5**

**Kunsill Lokali Gżira**

**vs**

**Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent**
**u l-Ippjanar u Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-Kunsill attur tal-14 ta' Jannar 2021** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub -

1. *"Illi fl-1999, giet pprezentata applikazzjoni ghaz-zvilupp bin-numru PA 2000/99*[1] *. Din kienet applikazzjoni ghal-rilokazzjoni ta' pompa tal-fuel minn hdejn Manoel Island, il-Gzira ghal-sit fil-Gnien tal-Kunsill tal-Ewropa — gnien pubbliku li hu devolut lil Kunsill rikorrenti. Illi l-applikazjoni giet ippubblikata u l-Kunsill Lokali ta' dak iz-zmien kien issottometta l-oggezzjonijiet tieghu ghal-izvilupp kif propost.*

2. *Is-sit fejn gie propost li tigi rilokata il-pompa tal-fuel imkabbra u s-servizz tal-hasil tal-karozzi jikkonsisti fil-gnien pubbliku tal-Gzira, zona protetta taht Ordni ta' Protezzjoni tas-Sigar kif ukoll klassifikata bhala Public Open Space (Pjanta GTI tal-Pjan Lokali NHLP) u prezentement tintuza ghal-iskopijiet ta' rikreazzjoni, mixi u bhala spazju pubbliku ghal-komunita Gzirjana.*

3. *Illi din il-lokalita hija assedjata b'kostruzzjoni u zvilupp kontinwu kif ukoll kummercjalizzazzjoni tal-ispazji pubblici bhal ma huma il-bankini u t-toroq li qed jintuzaw ghal-skopijiet ta platforms fejn jintramaw siggijiet u mwejjed ghal-istabbilimenti kummercjali, b'rizultat li anke il-moghdijiet u spazji pubblici qed jigu ristretti.*

4. *L-Avviz dwar l-applikazzjoni ghal izvilupp bin-numru PA 2000/99 rega gie ppubblikat f'Marzu 2019. Inghataw biss 7 t'ijiem zmien ghar-rapprezentazzjonijiet mill-pubbliku u ma inghatawx ragunijiet ghal dan l-abbrevjazzjoni tal-perjodu ta' konsultazzjoni li s-soltu jdum tlett gimghat.*

5. *Illi f'decizjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjannar li giet ippubblikata fl-10 ta Lulju 2019, l-applikazzjoni giet approvata.*

6. *Illi l-Kunsill rikorrenti ipprezenta appell mid-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjannar lit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.*

[1] PA 2000/99 "Re allocation of existing service station due to road widening exercise. The project also includes the decommissioning of the existing fuel station. The new fuel station will be approximately 100metres down the road from the existing site", fil-fond li jinsab fi Manoel Islarld Service Station, Triq ix-Xatt, Gzira".

7. *Illi t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ippresedut minn Dr Joseph Borg bhala Chairman, u l-membri Avukat Abigail Bugeja u Perit Robert Sarsero cahad l-appell tal-Kunsill rikorenti fit-2 (tnejn) ta' Lulju 2020* [2].

8. *Illi l-Qorti tal-Appell cahad l-appell li sar mill-Kunsill rikorrenti, liema appell sar biss fuq punti ta' ligi peress li l-Kapitlu 551 tal-Ligijiet ta' Malta jipermetti biss li jsir appell mid-dezizjonijiet tat-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjannar fuq punt ta' ligi. Punti ta' fatt jigu decizi finalment mit-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjannar u l-Qorti tal-appell ma jistax jiddisturba d-decizjoniji tat-Tribunal fuq punti fattwali jew teknici.*

9. *Illi fit-tmienja (8) ta Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) — u cioe wara li kienu gie deciz l-appell mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar gie rrappurtat fil-gazzetta The Times of Malta li c-Chairman tat-Tribunal Joseph Borg kien u ghadu impjegat tal-Awtorita tal-Ippjannar*[3].

10. *Illi dan ifisser li l-istess Joseph Borg kien u baqa' jisma' u jiddecciedi appelli — inkluz dak intavolat mill-Kunsill rikorenti - minn decizjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjannar. Din hi l-istess Awtorita li Joseph Borg hu impjegat taghha u ma liema ha jkompli jahdem wara t-terminu tieghu bhala Chairman tat-Tribunal.*

11. *Illi l-introjtu ta' Joseph Borg mill-Awtorita tal-Ippjannar huwa assikurat hekk kif ikompli jahdem maghha, kif inhu assikurati l-opportunitajiet ta avvanz fil-karriera tieghu mal-istess Awtorita. Joseph Borg qed jidecciedi fuq kawzi fejn l-entita li timpjegah hija parti u qed jilbes zewgt ikpiepel fl-istess hin — dak ta' Chairman li suppost ikun totalment indipendenti u distakkat mill-partijiet, u dak ta' impjegat ta wiehed mill-istess partijiet li jiddependi fuqha ghas-sigurta finanzjarja, introjtu futur u sigurta fil-karriera tieghu.*

[2] Appell PAB 286/19.

[3] (https://timesofmalta.com/articles/view/independent-planning-review-tribunal-chairman-is-a-pa-employee.830287).

12. *Illi jirrizulta wkoll li Joseph Borg talab il-permess tal-Awtorita tal-Ippjannar sabiex jigi awtorizzat johrog fuq "unpaid leave" waqt li jkun qed iservi bhala Chairman tat- Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, liema permess kien jiddependi u gie gie moghti mill-istess Awtorita.*

13. *Illi kif jirrizulta mill-Gazzetta tal-Gvern*[4] *Joseph Borg kien appuntat Chairman tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-ghoxrin (20 ) ta Frar 2020 b'effett mit-tlettax (13) ta' Frar 2020 u cioe meta kien ghadu qed jahdem attivament mal-Awtorita tal-Ippjannar.*

14. *Illi Joseph Borg qatt ma nforma lil Kunsill rikorrenti li huwa kien ghadu impjegat mal-Awtorita tal-Ippjannar tul l-andament kollu tal-appell li gie mismugh u deciz minnu bhala Chairman tat-Tribunal. Illi kieku kien zvela tali infurmazzjoni, il-Kunsill rikorrenti kien jitlob ir-rikuza tieghu u dana ghax huwa inkonceppibbli li gudikant f'kawza ikun impjegat ta' parti li qed tidher quddiemu ghax dan jincidi fuq l-imparzjalita oggettiva ta Joseph Borg u huwa leziv tad-dritt ta smigh xieraq tal-Kunsill rikorrenti.*

15. *Illi l-Kapitlu 551 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi ghat-Tribunal bil-ghan li jirrevedi decizjonijiet tal-Awtorita' tal-Ippjanar u tal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi jghid li t-Tribunal ghandu jkun indipendenti u imparzjali*[5]*.*

16. *Illi l-fatt li c-Chairman tat-Tribunal huwa impjegat tal-Awtorita tal-Ippjannar waqt li jippresjedi, jisma' u jiddecciedi fuq kawzi fejn l-istess Awtorita hija parti taghti luog ghal dubbji kbar dwar l-indipendenza u l-imparzjalita ta' l-istess Tribunal.*

17. *Illi l-posizzjoni ta' Joseph Borg bhala impjegat tal-Awtorita tal-Ippjannar tesponih ghall-possibilta ta pressjoni, influwenza jew ghal-possibilta ta sudditanza fl-ottika tal-eventwali riassunzjoni tad-dmirijiet tieghu mal-Awtorita tal-Ippjannar u l-lealta li ghandu lejn l-entita li timpjegah, u ma jistax jitqies imparzjali u*

[4] Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Frar 2020, Pagna 1525.

[5] Artiklu 3 tal-Kapitlu 551.

*indipendenti meta jigi biex jissindika l-agir tal-Awtorita tal-Ippjannar.*

18. *Illi t-Tribunal ippresedut mic-Chairman Joseph Borg ma weriex li jipposjedi l-imparzjalita oggettiva — li tirikjedi li l-gudikant ghandu jitqies imparziali anki mill-punto di vista tat-terz ordinarju u ragionevoli, ossia mill-"ordinary reasonable observer". L-imparzjalita' oggettiva trid li f' kaz li jkun hemml-icken dubju dwar L-imparzialita' oggettiva tal-gudikant, liema dubju jkun tali li jista' ragonevolment ippercepit mill-osservatur ordinarju u ragjonevoli, dan ghandu jaghti sabiex il-gudikant ma jibqax jippresjedi fuq il-kawza in kwistjoni; Illi l-fatt li Joseph Borg lanqas biss zvela l-istatus tieghu bhala impjegat tal-Awtorita tal-Ippjannar waqt li qed jisma' u jiddecciedi appell fejn l-istess Awtorita' hija parti, tqajjem dubji kbar mill-osservatur ordinarju u dan kif ser jintwera waqt is-smigh ta' din il-kawza.*

19. *Illi ghalhekk it-Tribunal ma jistax jitqies imparzjali u indipendenti ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.*

20. *Illi t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar huwa entita kwazi gudizzjarja u hu obbligat ihares, jirrispetta u japplika l-principji ta' mgiba amministrattiva tajba u dan anke skont l-Artiklu 9(1) tal-Kapitlu 551 tal-Ligijiet ta Malta li jghid li "t-Tribunal ghandu jirrispetta d-dritt tal-partijiet li jinghataw smigh xieraq, inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali, jigifieri: (i)nemo judex in causa sua, u (ii)audi et alteram partem."*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti togħġobha*

1. *Tiddikjara li fis-smigh u determinazzjoni tal-appell numru PAB 286/19 fl-ismijiet Kunsill Lokali Gzira vs l-Awtorita tal-Ippjannar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma osservax u ma applikax l-principji ta' mgiba amministrattiva tajba, ma kienx indipendenti u imparzjali u lleda fuq id-dritt ta' smigh xieraq tal-Kunsill rikorrenti.*

2. *Tiddikjara illi decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-2 ta Lulju 2020 fl-appell numru PAB 286/19 fl-*

*ismijiet Kunsill Lokali Gzira vs l-Awtorita tal-Ippjannar hija wahda li tmur kontra l-ligijiet hekk kif fuq dettaljat, u ghaldaqstant hija nulla u bla effett u tirrevokaha u tannullaha ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

3. *Tiehu dawk il-passi jew provedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni sabiex taghti u toffri rimedju lill-Kunsill rikorrenti.*

   *Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ipprezentata mill-Kunsill rikorrenti kontra l-konvenuti ingunti minn issa in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tat-Tribunal konvenut tal-4 ta' Mejju 2021**[6] li permezz tagħha tressqu dawn l-eċċezzjonijiet -

1. *"Illi, **in linea preliminari**, it-Tribunal eccipjenti jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi huwa, **t-Tribunal, ma giex citat korrettament fl-okkju** hekk kif imressaq fir-rikors promotur u ghalhekk umilment jitlob sabiex ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawza de quo, b'dan illi huwa ghandu jigi ccitat bhala "Tribunal ta' Revizioni tal-Ambjent u l-Ippjanar";*

2. *Illi, ukoll, **in linea preliminari**, it-Tribunal eccipjenti jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi **l-indirizz fejn huwa ghandu jigi nnotifikat bi kwalunkwe att gudizzjarju huwa "Block B, St Francis Ditch, Floriana' u mhux "St Francis Ravelin, Floriana'**, hekk kif erronjament gie ccitat fir-rikors promotur. L-indirizz ahhari u cioe dak ta' "St Francis Ravelin, Floriana" huwa l-indirizz tal-Awtorita' tal-Ippjanar u mhux tat-Tribunal eccipjenti. Dan qed johloq inkonvenjent u pregudizzju ghat-Tribunal eccipjenti u dana ghaliex qed tinholoq sitwazzjoni fejn l-atti gudizzjarji qed jidhru li gew notifikati lilu f'gurnata partikolari meta fir-realta' dawn l-istess atti ikunu ghaddew ghandu granet wara dik l-istess data, u dana dejjem minhabba l-*

[6] Fol 15 et seq

*buona volonta' tal-Awtorita' li jkunu effettivament rcevewhom. Ghalhekk, it-Tribunal eccipjenti umilment jitlob li kwalunkwe notifika li ssir lit-Tribunal eccipjenti f'dawn il-proceduri issir fl-indirizz korrett, u cioe "Block B, St Francis Ditch, Floriana';*

3. *Illi, ukoll,* ***in linea preliminari, l-azzjoni tar-rikorrent hija improponibbli abbazi tal-principju electa una via non datur recursus ad alteram*** *ghaliex minn dak mislut mill-premessi tar-rikors guramentat promotur, l-azzjoni esperita mill-Kunsill rikorrenti tidher li hija tahlita bejn stharrig gudizzjarju u lment kostituzzjonali;*

   *Dana qieghed jinghad ghaliex filwaqt li l-ewwel zewg talbiet tal-Kunsill rikorrenti jaghtu l-bixra li din hija azzjoni ghal stharrig gudizzjarju, umbaghad permezz tar-referenza ghall-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea fil-premessa numru dsatax (19) tar-rikors guramentat promotur flimkien ma' kif inhi msejsa t-tielet talba tar-rikorrenti, jinholoq dubbju serju dwar fejn irid iwassal bl-azzjoni tieghu il-Kunsill rikorrenti. Dan kollu johloq incertezza dwar l-indoli vera tal-procedura li trid tiddeciedi dwarha din l-Onorabbli Qorti u jippregudika serjament id-difiza tal-intimati;*

4. *Illi ukoll,* ***in linea preliminari u minghair prekuddizju ghas-suespost****, u abbazi tal-principju diga' msemmi electa una via non datur recursus ad alteram, l-azzjoni tal-rikorrent hija abbuziva u improponibbli. Ir-rikorrent, permezz ta' rikors tat-tlettax (13) ta' Jannar, 2021, talab ir-ritrattazzjoni tal-Appell deciz nhar il-hmistax (15) ta' Ottubru, 2020*[7]*. Din it-talba ghadha mhix deciza, u skont il-verbal tas-7 ta' April, 2021, hemm seduta ffissata ghat-trattazzjoni ghall-hamsa (5) ta' Mejju, 2021. Il-Kunsill rikorrenti ghalhekk ghazel rimedju straordinarju bhal ma huwa dak tar-ritrattazzjoni, u ma jistax fl-istess nifs u fl-istess waqt jaghzel ukoll li jintavola proceduri bhal dawk odjerni, hekk kif filfatt ghamel. Tali azzjoni odjerna mill-Kunsill rikorrenti kjarament saret b'mod abbusiv, sempliciment sabiex isservi ta' kawtela fl-eventwalita' li r-rikors ghar-ritrattazzjoni ma jintlaqax mill-Onorabbli Qorti;*

[7] Appell Nru: 5/2020 – Kunsill Lokali Gzira vs L-Awtorita' tal-Ippjanar u l-kjamat in kawza Simon Muscat, deciz nhar il-15 t'Ottubru, 2020.

*Illi mhux hekk biss, izda fl-eventwalita' li l-Qorti tal-Appell tiddeciedi favur it-thassir tad-decizjoni tal-appell u favur ir-ritrattazzjoni tal-istess, dan irendi wkoll din l-azzjoni odjerna bhala wahda ntempestiva ghall-ahhar u dana ghaliex il-Kunsill rikorrenti b'hekk ikun tqieghed f'sitwazzjoni fejn ghadu jrid jerga jitratta l-appell — liema appell huwa rimedju ordinarju u ghalhekk ma jkunx ghad hemm l-ezawriment ta' dawk ir-rimedju ordinarji moghtija skont il-ligi. Jigi mfakkar li kwalsiasi ilment marbut ma' ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, fosthom dak ta' nemo iudex in causa propia, li huwa mwahhad mal-jedd fondamentali ghal smiegh xieraq, huwa kkunsidrat bhala punt ta' dritt u ghalhekk propju sindikabbli mill-Qorti tal-Appell.*

*In oltre, irid jigi ritenut ukoll li f'kull kaz u dejjem skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma tistax tinstab vjolazzjoni taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kemm il-darba dik id-decizjoni tat-Tribunal tkun soggetta ghall-kontroll ta' organu gudizzjarju iehor li jkun jista' jindirizza l-lanjanza tar-rikorrenti. Decizjonijiet tat-Tribunal eccipjenti huma soggetti ghal appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn hemmhekk jista' jigi ssindakat, inter alia, kwalunkwe ilment dwar nuqqas ta' harsien tal-principji ta' mgieba amministrattiva tajba, fosthom il-principju ta' nemo judex in causa sua. Ghalhekk ghal din ir-raguni biss ma jistax jinstab ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq hekk kif allegat mill-Kunsill rikorrenti;*

5. *Illi, **<u>b'mod preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost</u>, l-azzjoni tar-rikorrenti hija improponibbli ukoll f'kaz li l-azzjoni tal-Kunsill rikorrenti hija msejsa fuq l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan qieghed jinghad ghaliex it-Tribunal ma jaqghax taht id-definizzjoni ta' "awtortita' pubblika' hekk kif j<u>irrik</u>jedi l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan isegwi ghalhekk li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tistharreg l-ghemil tat-Tribunal eccipjenti;*

6. *Illi, **<u>subordinatament u minghajr preguddizju ghas-suespost</u>**, dejjem jekk l-azzjoni esperita mir-rikorrent hija dik ta' sharrig gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan l-istess artikolu ma japplikax ghall-fattispecie tal-kaz odjern u dana ghaliex il-mod ta' kontestazzjoni jew ksib ta' rimedju dwar l-ghemil li qieghed jigi impunjat bir-*

*rikors promotur jinsab determinat fil-Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana a tenur tal-Artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi* ***b'mod preliminari wkoll u minghair preguddizju ghas-suespost****, fejn ir-rikorrenti qeghdin jallegaw ksur tal-Kostituzzjoni u l-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal eccipjenti umilment jeccepixxi* ***ksur ta' Regolament 3 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (L.S. 12.09)*** *u dan ghaliex il-Kunsill rikorrenti naqsu milli jindikaw specifikatament liema artikolu tal-Kostituzzjoni qed jigi allegat li qed jigi miksur. Bid-dovut rispett, it-Tribunal eccipjenti ma jistax jigi mistenni li jwiegeb ghal ilment daqstant vag. Ghaldaqstant, fin-nuqqas li il-Kunsill rikorrenti jonqsu milli jindikaw b'mod car liema artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta qed jallegaw li qed jigi miksur, dan l-ilment ma ghandux jigi kkunsidrat minn din l-Onorabbli Qorti. Jekk però il-Kunsill rikorrenti jirregolaw ruhhom u jindikaw liema artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta qieghed jigi allegat li qed jigi miksur fil-kuntest tat-tieni talba taghhom, allura t-Tribunal eccipjenti jirrizerva minn issa d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward;*

8. *Illi, in oltre,* ***fir-rigward tal-bqija tal-ilmenti, minghair preguddizju ghas-suespost*** *u senjament dwar l-allegazzjoni li t-Tribunal eccipjenti ma osservax u ma applikax il-principji ta' mgieba amministrattiva tajba, ma kienx indipendenti u mparzjali u lleda fuq id-dritt tas-smiegh xieraq tal-Kunsill rikorrenti hekk kif santit kemm taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, it-Tribunal eccipjenti jeccepixxi l-inapplikabilità ta' dawn l-Artikoli ghall-kaz de quo. Dan qieghed jintqal fid-dawl tal-fatt li l-kwistjoni deciza mit-Tribunal eccipjenti, li dwarha sar l-ilment odjern, ma ddeterminax xi "jedd u obbligu civili' partikolari li jappartjeni lill-Kunsill rikorrenti, hekk kif tirrikjedi l-Ligi. Gialadarba l-Kunsill rikorrenti ma ghandhom l-ebda jedd jew obbligu civili li qieghed jigi determinat mit-Tribunal eccipjenti, allura jsegwi li l-istess Kunsill rikorrenti ma jistax jinvoka ksur tal-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea jew ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

9. *Illi,* ***subordinament u bla hsara ghall-premess****, fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi illi l-Kunsill rikorrenti kellu xi jedd jew obbligu civili li kien ser jigi ddeterminat mit-Tribunal, l-istess Tribunal eccipjenti xorta wahda jsostni illi c-***cirkostanzi lamentati mill-Kunsill rikorrenti ma jwasslux ghall-ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq*** *u dana ghas-segwenti ragunijiet;*

*Illi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, jigi ppruvat li c-Chairperson tat-Tribunal eccipjenti huwa mpjegat tal-Awtorità tal-Ippjanar, dan il-fatt innifsu certament li ma jwassalx awtomatikament ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq;*

*Illi, l-ewwelnett, irid jigi ppuntwalizat illi ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ghandu jkun kompost minn "tliet membri, b'zewg membri minnhom ghandu jkollhom gharfien sew fi hwejjeg dwar l-ippjanar tal-izvilupp u f'materji dwar l-ambjent u l-membru l-iehor ghandu jkun avukat li jkun ipprattika l-professjoni ta' avukat ghal min inqas erba' snin". Ghaldaqstant, l-unika rekwizit rikjest mill-Ligi li jrendi persuna applikabbli sabiex ikun jista' jservi bhala tat-Tribunal eccipjenti huwa li jew jkollu gharfien sew fi hwejjeg tal-ippjanar u l-zvilupp u f'materji dwar l-ambjent jew li jkun ilu avukat prattikanti ghal min inqas erba' snin. Ma hemm l-ebda restrizzjoni jew projbizzjoni esplicita fil-Ligi nostrana li tirregola jekk membru tat-Tribunal intimat ikollux xi forma ta' impjieg band'ohra waqt li jkun qed iservi fuq l-istess Tribunal;*

*Illi, ukoll wiehed irid japprezza l-ispirtu tal-legislatur meta stipola li tali Tribunal eccipjenti ghandu jkun kompost minn* ***tlett*** *membri. In-numru tlieta huwa numru fard u l-legislatur ma tefax tali numru tanto per, izda indika in-numru tlieta b'intenzjoni specifika. Il-legislatur, meta kiteb il-ligi sabiex dan it-Tribunal ikun kompost minn tlieta minn nies, dahhal sistema ta' checks and balances bl-istess. Dan isegwi li c-Chairperson tat-Tribunal eccipjenti ma jismax u ma jiddeciedix kaz wahdu izda f'kull stadju tal-proceduri jkun akkumpanjat minn zewg membri ohra li finalment,* ***b'mod solidali*** *bhala panel jaslu ghad-decizjoni ahharija taghhom. Ghaldaqstant, f'kull procedura hekk kif ravvisata taht il-Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta, id-decizjonijiet kollha jittiehdu minn tlieta minn nies solidament u mhux mic-Chairperson wahdu! Huwa propju dan il-fatt li l-Kunsill rikorrenti naqas milli jiehu in konsiderazzjoni — fetah attakk sfrenat fuq ic-Chairperson Joseph Borg minghajr ma rrealiza li kwalunkwe decizjoni li jiehu t-*

*Tribunal eccipjenti, ma johodix Joseph Borg wahdu izda johduwha tlieta minn nies esperjenzati fil-qasam, b'mod solidali, hekk kif wara kollox tirrikjedi l-Ligi. Kien propju ghalhekk li 1-1egislatur irrikjeda tlieta minn nies fuq dan it-Tribunal, sabiex ikun hemm sistema ta' checks and balances u b'hekk jigu evitati l-abbuzi;*

*Illi, in oltre dan kollu, u hekk kif jirrizulta mill-Artikolu 5 tal-Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta, il-membri tat-Tribunal eccipjenti, inkluz ic-Chairperson, ghal qadi ta' dmirijiethom, jithallsu mill-Fond Konsolidat;*

*10. Illi, finalment, gialadarba t-Tribunal eccipjenti umilment jissottometti li ma hemmx ksur tal-jeddijiet fundamentali hekk kif allegat mill-Kunsill rikorrenti, ir-raba' talba taghhom dwar ir-rimedji mfittxija minnhom ghandha taqa' ukoll.*

*Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, it-Tribunal eccipjenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tal-Kunsill rikorrenti fl-intier taghhom, u dana bl-ispejjez kontra tieghu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Avukat tal-Istat tas-6 ta' Mejju 2021**[8] li permezz tagħha tressqu dawn l-eċċezzjonijiet -

**1.** *Illi in vena preliminari, **l-azzjoni tar-rikorrent hija improponibbli abbażi tal-prinċipju electa una via non datur recursus ad alteram.** Dan għaliex minn dak mislut mill-premessi tar-rikors ġuramentat, l-azzjoni esperita mill-Kunsill hija għaġna bejn azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju u lment kostituzzjonali;*

*Filwaqt li l-ewwel żewġ talbiet rikorrenti jagħtu l-bixra li din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju, ir-referenza għall-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea fil-premessa numru 19 tar-rikors ġuramentat flimkien ma' kif inhi msejsa t-tielet talba rikorrenti, jinħoloq dubbju serju dwar fejn irid imur bl-azzjoni tiegħu il-Kunsill rikorrent. Dan kollu joħloq inċertezza dwar l-indoli vera tal-proċedura li trid tiddeċiedi dwarha din l-Onorabbli Qorti u jippreġudika d-difiża tal-intimati;*

[8] Fol 26 et seq

*Illi in kwantu t-tielet talba rikorrenti u safejn issir referenza għall-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea l-esponent jeċċepixxi wkoll in linea preliminari l-**inkompetenza ratione matarie** ta' din l-Onorabbli Qorti sa fejn din qed tintalab tiddikjara leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq u fejn mitluba sabiex tagħti dawk ir-rimedju xierqa u opportuni lill-Kunsill. Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti fis-sede ordinarja tagħha li tissindaka ilmenti kostituzzjonali u/jew konvenzjonali;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, u abbażi tal-istess prinċipju electa una via non datur recursus ad alteram, l-**azzjoni tal-rikorrent hija abbużiva u improponibbli**. Ir-rikorrent, permezz ta' rikors tat-13 ta' Jannar, 2021, talab ir-ritrattazzjoni tal-Appell deċiż nhar il-15 ta' Ottubru, 2020*[9]*. Dan ir-rikors għadu mhux deċiż, u skont il-verbal tal-5 ta' Mejju, 2021, ir-rikors jinsab differit għas-sentenza għas-7 ta' Lulju, 2021. **Il-Kunsill għażel rimedju straordinarju bħal ma huwa dak tar-ritrattazzjoni**, u ma jistax fl-istess nifs u fl-istess waqt jagħżel ukoll li jintavola proċeduri bħal dawk odjerni meta permezz tar-ritrattazzjoni jista' jitqiegħed f'pożizzjoni li jindirizza l-istess ilmenti miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

   *Illi permezz tar-rimedju tar-ritrattazzjoni magħżul mill-Kunsill, wieħed mill-aggravji mressqa minnu jindirizza proprju mal-ilmenti mqanqla permezz tal-azzjoni odjerna. B'hekk, il-Qorti tal-Appell se tkun diġa` qiegħda tevalwa jekk hemmx lok sabiex is-sentenza tal-Appell tal-15 t'Ottubru, 2020, tkun imħassra u terġa tiġi trattataKull ilment marbut ma' ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali fosthom dak ta' nemo iudex in causa propria li huwa mwaħħad mal-jedd fondamentali għal smigħ xieraq huwa kkunsidrat bħala punt ta' dritt u għalhekk sindikabbli mill-Qorti tal-Appell Dan jagħmel l-azzjoni odjerna abbużiva u improponibbli;*

   *Illi apparti l-fatt li l-Kunsill rikorrenti diġa` rrikorra għar-rimedju tar-ritrattazzjoni, jekk għas-saħħa tal-argument il-Qorti tal-Appell tiddeċiedi favur it-tħassir tad-deċiżjoni tal-appell u favur ir-ritrattazzjoni tal-istess, dan se jrendi wkoll il-mertu tal-azzjoni odjerna eżawrit għaliex il-Kunsill b'hekk ikun tqiegħed f'sitwazzjoni fejn għadu jista' jerġa jitratta l-appell proprju fuq l-ilmenti mressqa permezz tal-azzjoni odjerna. Ma jistax il-Kunsill*

[9] Appell Nru: 5/2020 – ***Kunsill Lokali Gżira vs L-Awtorita` tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża Simon Muscat***, deċiż nhar il-15 t'Ottubru, 2020.

*rikorrenti, b'mod abbużiv u b'tali mod li tiġi stultifikata l-proċedura, jintavola proċeduri quddiem din l-Onorabbli Qorti b'kawtela f'każ li r-rikors għal ritrattazzjoni ma jintlaqax;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, u preliminarjament ukoll, sa fejn din l-azzjoni hija waħda għal stħarriġ ġudizzjarju* ***l-esponent fil-kwalita` tiegħu premessa, m'huwiex il-leġittimu kontradittur*** *f'din il-kawża, u dan minħabba li hu ma għandu ebda mansjoni taħt l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp u assolutament xejn ma dak li qiegħed jiġi allegat jew pretiż fil-konfront tiegħu fir-rikors odjern;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, u preliminarjament, l-azzjoni tal-Kunsill rikorrenti hija* ***improponibbli wkoll f'każ li l-azzjoni tal-Kunsill rikorrenti hija msejsa fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġjiet ta' Malta****. Dan għaliex it-Tribunal intimat ma jaqgħax taħt id-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" skont* ***l-artikolu 469A(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta****, u jsegwi għalhekk li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tistħarreġ l-għemil tat-Tribunal intimat;*

5. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, dejjem jekk l-azzjoni esperita mir-rikorrent hija dik ta' stħarriġ ġudizzjarju ai termini* ***tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta****, dan l-artikolu ma japplikax għall-fattispeċi tal-każ odjern peress li l-mod ta' kontestazzjoni jew ksib ta' rimedju dwar l-għemil li qiegħed jiġi impunjat bir-rikors odjern hemm provdut dwaru fil-****Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta****, u dan a tenur* ***tal-artikolu 469A(4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta****;*

6. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ilment tal-Kunsill li t-Tribunal intimat li ma osservax u ma applikax il-prinċipji ta' mġieba amministrattiva tajba, ma kienx indipendenti u mparzjali u lleda fuq il-jedd għal smiegħ xieraq,* ***it-Tribunal intimat ma ddeterminax xi jedd jew obbligu ċivili partikolari li jappartjeni lir-rikorrent****. Jekk ir-rikorrent ma għandu l-ebda jedd jew obbligu ċivili li qiegħed jiġi determinat mit-Tribunal intimat, allura jsegwi b'mod naturali li l-Kunsill rikorrent ma jistax jinvoka ksur tal-jedd ta' smiegħ xieraq;*

**7.** *Subordinament u bla ħsara għall-premess, anke jekk għall-grazzja tal-argument wieħed kellu jgħid li l-Kunsill kellu xi jedd jew obbligu ċivili li kien se jiġi determinat mit-Tribunal, jibqa' xorta l-fatt li* ***ċ-ċirkostanzi lamentati mill-Kunsill rikorrenti ma jwasslux għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kif sanċit*** *kemm taħt* ***l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta****, kif ukoll taħt l-***Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea****;*

*Anke jekk dato ma non concesso jiġi ppruvat li ċ-Chairperson tat-Tribunal intimat għadu rreġistrat fuq il-kotba tal-impjieg tal-Awtorità tal-Ippjanar, dan il-fatt innifsu ma jwassalx awtomatikament għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u/jew in non-osservanza tal-prinċipju ta' mġieba amministrattiva tajba. Ibda biex skont l-****Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta,*** *iċ-Chairperson tat-Tribunal intimat ma jismax u jiddeċiedi l-każ waħdu iżda f'kull stadju tal-proċedura jkun akkumpanjat minn żewġ membri oħra li flimkien bħala panel jaslu għad-deċiżjoni. Kull deċiżjoni tat-Tribunal intimat għalhekk ma titteħidx miċ-Chairperson innifsu iżda minn panel kompost skont l-****artikolu 4 tal-Kap 551.*** *Illi inoltre u minn kif jirriżulta mill-****artikolu 5 tal- Kap 551,*** *fil-qadi ta' dmirijiethom il-membri tat-Tribunal inkluż iċ-Chairperson jitħallsu mill-Fond Konsolidat;*

*B'żieda ma' dan kollu, l-membri tat-Tribunal, fosthom iċ-Chairperson, huma appuntanti għal żmien definit u jgawdu minn sigurtà fil-kariga tagħhom. Huwa l-****artikolu 4(6) u (8) tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta*** *li jipprovdi għar-raġunijiet u għal mod ta' kif membru tat-Tribunal għandu jkun skwalifikat milli jisma' appell jew għall-mod ta' tneħħija minn fuq it-Tribunal;*

**8.** *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu għall-fatti allegati mir-rikorrent dwar l-andament tal-proċeduri quddiem it-Tribunal intimat, dawn ma humiex a konjizzjoni tal-esponent li ma kellu ebda sehem fihom u għalhekk jirriserva li jissoleva dawk l-eċċezzjonijiet ulterjuri opportuni fir-rigward jekk ikun il-każ;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

> *Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu;"*

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-Kunsill attur qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-appell numru PAB 286/19 fl-ismijiet *Kunsill Lokali Gżira vs Awtorita' tal-Ippjanar et* m'osservax u m'applikax il-prinċipji ta' mġieba amministrattiva tajba, ma kienx indipendenti u mparzjali u kiser id-dritt ta' smiegħ xieraq tal-istess Kunsill. Konsegwentement is-sentenza mogħtija f'dawk il-proċeduri għandha tiġi meqjusa nulla u bla effett u tiġi revokata u annullata. Il-Kunsill qed jitlob ukoll rimedju.

Min-naħa tagħhom il-konvenuti jirrespingu l-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## A. **PROVI**

Mill-atti jirriżulta li –

i) Fit-2 ta' Lulju 2020 it Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar approva l-permess PA2000/99 *'re-allocation of existing service station due to road widening exercise. The project also includes the decommissioning of the existing fuel station. The new fuel station will be approximately 100 metres down the road from the existing site'* fi Triq ix-Xatt il-Gżira;

ii) Din id-deċiżjoni ġiet appellata quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) permezz tal-proċeduri Rik Nru 5/2020 fl-ismijiet *Kunsill Lokali Gzira vs L-Awtorita tal-Ippjanar et*. B'sentenza datata 15 t'Ottubru 2020 l-appell tal-Kunsill Lokali ġie miċħud u ġiet invece konfermata d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar[10];

[10] Fol 129 et seq

iii) Fit-8 ta' Novembru 2020 il-gazzetta The Times of Malta ppublikat artiklu ntitolat '*Independent' planning review Tribunal Chairman is a PA employee*[11]. Dan b'referenza għaċ-Chairman tat-Tribunal Joe Borg li kien u għadu mpjegat tal-Awtorita' tal-Ippjanar;

iv) Sussegwentement il-Kunsill Lokali ntavola rikors għar-ritrattazzjoni mis-sentenza tal-15 t'Ottubru 2020. Fost l-argumenti mressqa kien hemm is-segwenti–

*"Sejba ta' dokument deċiżiv*

*25. Il-Kunsill ritrattand jirrileva li hemm raġuni oħra għaliex is-sentenza impunjata għandha tiġi revokata u l-kawża tiġi ritrattata, u din kienet is-sejbien ta' dokumenti li huwa ma kienx jaf bihom, iżda li kien ikollhom effett deċiżiv fuq il-proċeduri u d-deċiżjoni tal-kawża. Jispjega li t-Tribunal li quddiemu huwa kien ippreżenta appell mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar, kien ġie ppresedut minn Dr Joseph Borg bħala Chairman, li sussegwenti għad-data li fiha ngħatat is-sentenza impjunata, kien ġie rrappurat fit-8 ta' Novembru, 2020 fil-gazzetta 'The Times of Malta' li kien, u saħansitra għadu llum, impjegat tal-Awtorità tal-Ippjanar.*

*26. L-Awtorità ritrattata tirrileva li l-para. (k) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 jirrikjedi li d-dokument mhux biss ikun wieħed deċiżiv, iżda wkoll li l-parti li ma kinitx taf bih għamlet ħilitha sabiex tikseb l-informazzjoni, u minn hawn tgħaddi sabiex tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza fil-materja in sostenn tal-argument tagħha. Tisħaq li fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza (a) id dokument ma kienx wieħed deċiżiv għaliex hija proprju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li qed tiġi impunjata u mhux id-deċiżjoni tat-Tribunal; (b) id dokument mhux "determinanti fuq il-qofol tal-kwestjoni li s-sentenza impunjata tkun stħarrġet"; u (ċ) il-Kunsill ritrattand kellu l-mezzi neċessarji a*

[11] Fol 9

*dispożizzjoni tiegħu sabiex isir jaf bl-imsemmi dokumenti ai termini tal-Kap. 496.*

*27. Dwar it-talba tal-Kunsill ritrattand kif imsejsa fuq il-para. (k) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, il-kjamat fil-kawża ritrattat isostni li sabiex tingħata r ritrattazzjoni abbażi ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, irid ikun il-każ li l-prova ma setgħetx tiġi esebita qabel jew li l-produzzjoni tagħha kienet diffiċli ferm. Fil każ odjern, il-Kunsill ritrattand seta' faċilment minn sempliċi riċerka jsib dak li huwa qed jirrapporta. Dan kollu l-kjamat fil-kawża ritrattat jgħidu filwaqt li jagħmel riferiment għal diversi sentenzi tal-qrati tagħna sabiex jissostanzja l-argumenti tiegħu. Mingħajr preġudizzju għal dan kollu, huwa jissottometti li l fatt li Joseph Borg kien ukoll impjegat fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar ma kienx ifisser preġudizzju lejn il-prinċipju tal-imparzjalità tal-ġudizzju għaliex kwalunkwe deċiżjoni u/jew arrangament, dejjem osservat il-liġijiet viġenti u l-prinċipji relattivi."*

v) Il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*" Il-Qorti tikkonsidra li l-para. (k) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 jipprovdi dan li ġej:*

*"(k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deċiżiv, u li l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħatx iġġibu, qabel dik is sentenza;"*

*28. Din il-Qorti hawnhekk ukoll ma ssibx li t-talba tal-Kunsill ritrattat hija ġustifikata kif imsejsa. Tqis li d-dokument huwa nieqes mill-element deċiżiv rikjest mil-liġi għaliex ma setax ikun ta' utilità fid-deċiżjoni tal-kwistjoni minn din il-Qorti, liema kwistjoni hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet tal-pjanijiet u policies tal-ippjanar. Għalhekk is-sejbien tiegħu ma jistax ixejjen il-ħsibijiet u d deċiżjoni ta' din il-Qorti, u dan tgħidu filwaqt li tirrileva li dawn il-proċeduri mhumiex il-proċeduri adattati sabiex jitressaq l-ilment dwar nuqqas ta' smigħ xieraq li l-Kunsill ritrattand qed isejjes fuq l-informazzjoni żvelata fid dokument."*

vi) B'sentenza datata 7 ta' Lulju 2021 it-talba għar-ritrattazzjoni ġiet miċħuda[12];

vii) Sadanittant fl-14 ta' Jannar 2021 ġew intavolati l-proċeduri odjerni;

viii) Konrad Borg Manche', eks sindku tal-Gżira, xehed li huwa sar jaf bil-proġett ta' fuel station fi ġnien pubbliku fil-Gżira purament b'kumbinazzjoni meta kien qiegħed għal seduta tal-permessi tal-Ippjanar dwar każ ieħor. Lill-membri tal-Bord ma kienx jafhom għax ma kienx midħla ta' dawn l-affarijiet. Pero' meta eventwalment ħareġ l-artiklu fuq imsemmi fil-gazzetta dwar l-impjieg tac-Chairman tat-Tribunal Joe Borg huwa fehem li dan il-fatt kien jimpinġi fuq l-indipendenza u l-imparzjalita' tiegħu fl-istess Bord[13];

ix) Miriam Bartolo Abela, għan-nom tal-Awtorita' tal-Ippjanar ippreżentat numru ta' dokumenti b'rabta mal-impjieg ta' Joseph Borg mal-Awtorita' msemmija[14];

[12] Fol 143 et seq
[13] Fol 30 et seq
[14] Fol 37 et seq

x) Marvic Vella, Segretarja tat-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar xehdet is-sors tal-ħlasijiet lill-membri tat-Tribunal u dwar ir-relazzjoni bejn l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-istess Tribunal[15].

**B. <u>EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>**

1. **Fl-ewwel eċċezzjoni tat-Tribunal konvenut** ġie sollevat il-fatt li ma ġiex ċitat korrettement fl-okkju tal-kawża stante li huwa għandu jiġi ċitat bħala " Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar."

Il-Qorti tinnota li hemm varjazzjoni żgħira fil-mod kif ġie ċitat it-Tribunal fl-okkju, liema varjazzjoni ma hi ta' ebda preġudizzju għalih. Għalhekk **din l-eċċezzjoni ser tintlaqa'** u tordna li l-korrezzjoni fl-okkju ssir kif hemm indikat.

2. **Fit-tieni eċċezzjoni tat-Tribunal konvenut** saret referenza wkoll għall-indirizz li ġie ċċitat fir-rikors promotur mill-Kunsill attur. Peress li fil-kors tal-kawża ma reġax sar ilment dwar notifiki lit-Tribunal, il-Qorti tqis li **din l-eċċezzjoni hija ormai sorvolata u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.**

[15] Fol 170

3. **Fit-tielet eċċezzjoni tat-Tribunal konvenut** u **fl-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** jingħad li l-azzjoni attriċi hija mproponibbli għax hija taħlita bejn stħarriġ ġudizzjarju u lment kostituzzjonali.

Sabiex jiġu trattati dawn l-eċċezzjonijiet huwa neċessarju li tiġi trattata l-bażi tal-azzjoni.

Huwa stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza illi l-indoli vera ta' kwalsiasi azzjoni, in kwantu messi f'dubju, għandhom jiġu riżolti b'referenza għall-att promotur. Ingħad għalhekk fis-sentenza fl-ismijiet **Godwin Azzopardi v Paul Azzopardi**[16] illi :

> *"Huwa prinċipju ġenerali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu dezunti mit-termini tal-att li biħ jinbdew il-proċeduri. Il-'kawża' ta' domanda hija r-raġuni ġuridika tagħhom, ossia fudamentum agendi tagħha. Din il-kawża, li hija l-oriġini tad-domanda, tiddistingwi ruħha mill-oġġett taċ-ċitazzjoni, li huwa "cio' che e' attualmente domandato"*

Il-Qorti tirrileva li mill-assjem tal-premessi u t-talbiet imressqa mill-Kunsill attur, l-azzjoni ntavolata hija waħda ċivili għal stħarriġ ġudizzjarju b'rabta m' allegat nuqqas ta' osservanza da parti tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-prinċipji ta' mġiba amministtrattiva tajba, nuqqas t'indipendenza u

[16] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 31 ta' Jannar 2003, 1150/94

mparzjalita' u ksur ta' smiegħ xieraq. Il-Kunsill jikkontendi wkoll li s-sentenza tat-Tribunal hija nulla u bla effett għax tmur kontra l-liġi. Qed jintalab ukoll rimedju.

Il-fatt waħdu li fil-premessi saret referenza għall-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ma jirrendix il-proċeduri bħala taħlita bejn stħarriġ ġudizzjarju u lment kostituzzjonali. Ma hemm għalhekk ebda nċertezza kif insinwat mill-konvenuti. Infatti, fil-premessi tar-rikors promotur, il-Kunsill attur saħaq li l-ilment tiegħu kien mibni fuq allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 551 tal-Liġijiet ta' Malta kif ser jiġi elaborat aktar 'il quddiem.

**Dawn l-eċċezzjonijiet ser jiġu miċħuda.**

Fiċ-ċirkustanzi **ser tiġi miċħuda wkoll l-eċċezzjoni numru sebgħa tat-Tribunal**.

4. **Ir-raba' eċċezzjoni tat-Tribunal konvenut u t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** jirrilevaw il-punt tal-abbuż mill-proċedura da parti tal-Kunsill attur stante li f'dak l-istadju l-proċeduri għar-ritrattazzjoni fil-każ Rik Nru 5/2020 kienu għadhom pendenti. Jissemma wkoll li wieħed mill-aggravji jindirizza l-ilmenti mqanqla permezz tal-azzjoni odjerna u kwindi

dan jista' jwassal għall-eżawriment tal-mertu fil-kawża odjerna jekk l-aggravju jintlaqa' u l-Kunsill jingħata d-dritt li jitratta l-appell mill-ġdid.

Il-Qorti tosserva li fil-frattemp il-proċeduri ta' ritrattazzjoni ġew konklużi kif ingħad fis-suespost. Huwa minnu li l-Kunsill kien għamel tentattiv biex jerġa' jinstema' l-appell mill-ġdid meta ressaq l-argument li skopra wara d-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal li Joseph Borg bħala Chairman kien impjegat tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Qorti tal-Appell pero' lanqas biss daħlet fil-mertu ta' dak l-argument stante li qieset li tali materja ma kinitx ser tkun utli għad-deċiżjoni stante li dawk il-proċeduri huma bażati fuq kunsiderazzjonijiet ta' pjanijiet u *policies* tal-ippjanar.

Għalhekk ma jistax jitqies li hemm xi abbuż da parti tal-Kunsill attur li ntavola l-proċeduri odjerni fejn issa dan il-mertu jista' jiġi debitament trattatat u deċiż.

**Dawn l-eċċezzjonijiet huma miċħuda.**

5. **Fil-ħames eċċezzjoni tat-Tribunal konvenut** u **fir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** jingħad li l-azzjoni odjerna hija waħda bażata fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, allura hija mproponibbli għax it-Tribunal konvenut ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' 'awtorita' pubblika' kif imsemmi f'dak l-artikolu.

Għalkemm il-Qorti diġa' stabbiliet li l-każ huwa wieħed ta' stħarriġ ġudizjarju, minn imkien ma jirriżulta li huwa bażat fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12 li fil-fatt ma saret ebda referenza għalih fir-rikors promotur.

A propożitu ssir referenza għall-każ **Joseph Genovese vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et deċiż fit-30 ta' Ġunju 2020 -**

> *"L-imsemmi mħarrek jgħid li l-artikolu 469A tal Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma jgħoddx għal stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet ta' tribunali kważi-ġudizzjarji bħalma huwa t-Tribunal (ta' Reviżjoni tal-Amjent u l-Ippjanar).... Ta' l istess fehma hija l-Awtorità hija u tittratta t-tielet eċċezzjoni preliminari mqajma minnha;*
>
> *Illi l-attur imieri din is-sottomissjoni fuq żewġ binarji. L-ewwel, is-setgħa ta' qorti li tissindika deċiżjoni ta' tribunal toħroġ mill-artikolu 32(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. It-tieni, l-aġir tat-Tribunal jista' jitqies bħala "għemil amministrattiv minn awtorità pubblika" taħt l-artikolu 469A tal-istess Kodiċi;*
>
> *Illi l-argumenti tal-attur ġew indirizzati mill-Qrati tagħna meta ngħad li, "l-istħarriġ ġudizzjarju ta' tribunali ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji, ... ma jistax isir in forza ta' l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. L Artikolu 469A(1) jipprovdi li l-qrati ta' ġustizzja ta' kompetenza ċivili, għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet imsemmija fl-istess artikolu. Skond is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu, il-frażi 'egħmil amministrattiv' tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika ...". L-istess sub-artikolu jipprovdi li l-frażi 'awtorità pubblika' tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi. Huwa ċar li fid-definizzjoni ta' 'awtorità pubblika' għall-fini ta' din id-disposizzjoni, tali disposizzjoni ma tistax tinkludi tribunal ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju";*

*Illi ngħad ukoll li ".. l-azzjoni ta' l-appellant għal stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tat-Tribunal de quo tista' biss tiġi ikkunsidrata mill Qorti fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha li tinkludi fiha s-setgħa li tivverifika l legalità ta' pronunzjamenti ta' tribunali ġudizzjarji u kwazi-ġudizzjarji. Huwa veru li, kif osserva l-appellant, l-istħarriġ ġudizzjarju taħt l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u l-istħarriġ ġudizzjarju in forza tal-ġurisdizzjoni ġenerali konferita lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jista' fis-sustanza ikun fil-prattika simili jekk mhux identiku, billi fiż-żewġ każi l-eżerċizzju huwa dejjem dak li jara li l-egħmil amministrattiv f'każ wieħed u l-ipronunzjament tat-tribunali amministrattivi fil-każ l-ieħor jkunu fil-parametri tal-liġi. Pero` dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-Kap. 12 jikkonferixxi din is-setgħa lill-Prim'Awla taħt żewġ disposizzjonijiet separati.";*

*Illi għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji proċedurali ċari, il Qorti, filwaqt li sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Avukat tal-Istat u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità mħarrka safejn l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddx għal stħarriġ ta' deċiżjoni ta' tribunali kważi-ġudizzjarji bħalma huwa t-Tribunal, sejra tiċħad l imsemmija eċċezzjonijiet safejn iridu jwarrbu l-fatt li din il-Qorti, bis-saħħa tas setgħat mogħtijin lilha bil-ġurisdizzjoni ġenerali tagħha, għandha s-setgħa tistħarreġ l-istess għemil;"*

**Dawn l-eċċezzjonijiet ser jiġu miċħuda.**

Konsegwentement, anke **s-sitt eċċezzjoni tat-Tribunal ser tiġi miċħuda** peress li hija marbuta mal-artikolu 469A tal-Kap 12.

6. **Fit-tielet eċċezzjoni l-Avukat tal-Istat** jargumenta li huwa mhuwhiex leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna stante li m'għandu ebda mansjoni

taħt l-Att dwar l-Ippjanar u l-Iżvilupp u ma hemm xejn minn dak li qed jiġi allegat jew pretiż li jista jwieġeb għalih huwa.

Ingħad hekk in materja fil-każ suċċitat **Joseph Genovese vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et -**

> *"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-eċċezzjoni tal-imħarrek Avukat tal Istat hija tajba. Ilu minn bosta snin stabiliti li, f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjaju minn deċiżjonijiet ta' tribunali jew bordijiet statutorji, il-leġittimu kontradittur huwa l-kontro-parti fil-proċediment u mhux la l-istess bord jew tribunal u wisq anqas l-Avukat tal-Istat. Għall-istess raġuni, l-eċċezzjoni tal-Awtorità qiegħda tiġi miċħuda għaliex fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, l-Awtorità kienet il kontro-parti. B'żieda ma' dan, għar-rigward ta' l-Avukat tal-Istat, l-ebda waħda mill-erba' talbiet attriċi ma titlob l-għoti ta' rimedju li għalih irid joqgħod l istess imħarrek, biex ma jingħadx ukoll li l-ebda waħda mill-premessi tar-rikors ma titfa' mqar l-iċken ħjiel ta' rabta tal-istess Avukat tal-Istat maċ-ċirkostanzi li wasslu lill-attur jiftaħ din il-kawża. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma ssibx li l argument imressaq mill-attur li l-Avukat tal-Istat għandu jerfa' r-responsabbilità huwa argument li l-Qorti tista' tassew toqgħod fuqu, għaliex ir-responsabbiltà li trid terfa' parti f'kawża trid tkun waħda vera u mhux mistħajla jew marbuta biss mal-uffiċċju tagħha;*
>
> *Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal Istat u sejra teħilsu milli jibqa' fil-kawża."*

Applikati għall-każ odjern il-Qorti tqis li, kif tajjeb qal l-Avukat tal-Istat, huwa ma jiffigurax fil-pretensjonijiet tal-Kunsill attur. L-azzjoni hija mibnija b'rabta mar-rwol tac-Chairman tat-Tribunal bħala mpjegat tal-Awtorita' tal-Ippjanar, f'liema Tribunal u Awtorita' dan il-konvenut m'għandu ebda nvolviment.

**L-eċċezzjoni sejra għalhekk tintlaqa' u l-Avukat tal-Istat ser jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.**

## Ċ. MERTU

L-ilment tal-Kunsill attur huwa li l-preżenza ta' Dr Joseph Borg bhala Chairman tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, fejn huwa jisma' u jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjannar, hija bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 551 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex l-istess Borg huwa mpjegat tal-Awtorita' msemmija u hu ser ikompli jahdem magħha wara t-terminu tieghu bhala Chairman tat-Tribunal.

Il-Kunsill jargumenta li l-introjtu ta' Joseph Borg mill-Awtorita tal-Ippjannar huwa assikurat hekk kif ikompli jahdem maghha. Huma assikurati wkoll l-opportunitajiet ta' avvanz fil-karriera tiegħu mal-istess Awtorita'. Il-Kunsill iżid jgħid li meta Joseph Borg qed jideċiedi fuq kawżi li fihom l-entita' li timpjegah hija parti huwa jkun qed jilbes żewġt ikpiepel fl-istess ħin - minn naħa waħda huwa qed jeżerċita r-rwol ta' Chairman li suppost ikun totalment indipendenti u distakkat mill-partijiet, u minn naħa l-oħra huwa għadu mpjegat ta' wieħed mill-istess partijiet li jiddependi fuqha għas-sigurta' finanzjarja, introjtu futur u sigurta' fil-karriera tiegħu. Dan jgħodd ukoll safejn jirrigwarda l-leave bla ħlas li l-istess Borg talab lill-Awtorita' għall-perjodu ta' servizz tiegħu fit-Tribunal,

liema permess kien dipendenti fuq l-istess Awtorita'. Addirittura huwa kien appuntat Chairman tat-Tribunal konvenut meta kien għadu qed jaħdem mal-Awtorita'. Il-Kunsill jilmenta ulterjorment li Borg qatt ma żvela dan il-fatt qabel jew fil-bidu tas-smiegħ tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u kwindi ma kienx hemm il-possibilta' li tintalab ir-rikuża tiegħu.

L-artikoli tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kap 551 tal-Liġijiet ta' Malta) li fil-fehma tal-Kunsill ġew miksura b'riżultat tas-suespost huma dawn –

i) **L-artikolu 3** li jirrikjedi li t-Tribunal ikun indipendenti u mparzjali -

> *"Għandu jitwaqqaf skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, sabiex jirrevedi d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar u d-deċiżjonijiet tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, li jiġu referuti lilu skont dan l-Att jew kull liġi oħra, u sabiex jeżerċita kull ġurisdizzjoni oħra u funzjoni mogħtija lit-Tribunal b'dan jew taħt dan l-Att jew b'xi jew taħt xi liġi oħra, sew jekk qabel kif ukoll wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att."*

ii) **L-artikolu 9** li jipprovdi hekk -

> *"(2) (a) It-Tribunal għandu jirrispetta d-dritt tal-partijiet li jingħataw smigħ xieraq, inklużi l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, jiġifieri:*
> *(i) nemo judex in causa sua, u*
> *(ii) audi et alteram partem."*

Dwar il-kunċett tal-indipendenza u l-imparzjalita' tat-Tribunal, fi kliem l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**[17]: –

> *"An independent tribunal – By 'independent' is meant "independent of the executive and also of the parties"*[18]
>
> *"An impartial tribunal - 'Impartiality' means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test*[19]*: The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect."* [20]

Jiġi sottolineat ukoll li l-kriterju oġġettiv tal- *"apparenza ta' indipendenza"* ma' huwiex dak ta' min iħares lejn l-affarijiet b'suspett eċċessiv iżda tal-bniedem raġonevoli, razzjonali u in *bona fede.*

Inoltre fir-rigward tan-nuqqas ta' mparzjalita', fil-każ odjern l-allegazzjoni hija marbuta ma' nuqqas ta' mparzjalita' oġġettiva. L-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** ikomplu hekk -

> *"In applying the objective test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is 'important but not decisive'; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be 'objectively justified'*[21].

[17] Law of the European Convention on Human Rights, Second Edition
[18] Pagna 286
[19] *Hauschildt v Denmark* A 154 (1989)
[20] Pagna 290
[21] Pagna 291

Illi wkoll fil-każ **Micallef v Malta**, il-Qorti Ewropea affermat li:

> *"The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example, Miller and Others v. the United Kingdom, nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example, Mežnarić v. Croatia, no. 71615/01, 15 July 2005, § 36 and Wettstein, cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant's opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see Kyprianou, cited above, § 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38)."*[22]

Dwar il-prinċipji tal-ġustizzja naturali ngħad hekk fil-każ **Dustan Camilleri et vs Kummissarju tal-Pulizija et deċiż fis-26 ta' Settembru 2023 -**

> *"Fis-sentenza **MMC Consultancy Ltd vs. Malta Financial Services Authority** deċiża fil 24 t'Ottubru 2022 jingħad illi:*
> *(……)*
> *Fir-rigward tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, il-Qrati tagħna diġà esprimew il fehmiet tagħhom kemm-il darba dwar il-kunċett ta' ġustizzja naturali u tal-ksur tagħha. Hekk pereżempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Joseph Debono v. Phonica Systems Ltd, tad-19 ta' Mejju 2004, ġie mtenni illi l-prinċipju tal-ġustizzja naturali jnissel żewġ regoli tradizzjonali ta' "nemo judex in causa propria" u "audi alteram partem". Intqal li "mal-ewwel regola hu allaċjat il prinċipju notorju ta' l-imparzjalità u allura tan-neċessità li mhux biss issir ġustizzja imma anke li jkun jidher manifest li ġustizzja qiegħda ssir (ara Avv. Dr. Antonio Caruana v. Caterina Gerada, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ottubru 1968). Fil-każ tat-tieni regola, din ħafna drabi tħaddan kull materja ta' smigħ*

[22] Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem Rik Nru 17056/06 deciz 15 t'Ottubru 2009, Para 97

> *xieraq u tal prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi (ara Antonio Sammut v. John Bell McCance, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 29 ta' Mejju 1946). Barra minn hekk, fi żminijiet pjuttost riċenti dan il-kunċett ġie mwessa' biex iħaddan fih ukoll il-prinċipju li d deċiżjonijiet mogħtija jridu jkunu motivati (ara Alfred Sant nomine v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell, 4 ta' Marzu 1992);"*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti tqis li mix-xhieda ta' Miriam Bartolo għan-nom tal-Awtorita' u mid-dokumenti esebiti in atti jirriżulta b'mod paċifiku li Joseph Borg qabel ma ġie maħtur fit-Tribunal huwa kien impjegat tal-Awtorita' tal-Ippjanar u kienet l-istess Awtorita' li approvat it-talba tiegħu għal unpaid leave għal ħames snin sabiex huwa jkun jista' jaqdi r-rwol fit-Tribunal in kwistjoni.

Detto cio' dan ma jfissirx awtomatikament li hemm nuqqas t'indipendenza u mparzjalita' tat-Tribunal.

Fl-ewwel lok, kif xehdet Marvic Vella għan-nom tat-Tribunal konvenut[23] il-membri tat-Tribunal flimkien mac-Chairperson jitħallsu unikament mill-kontijiet bankarji tat-Tribunal, liema kontijiet huma għal kollox separati mill-kontijiet bankarji miżmuma mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Inoltre, kemm l-amministrazzjoni u anke r-Reġistru tat-Tribunal huma għal kollox indipendenti u ma' hemm ebda relazzjoni bejn l-Awtorita' u l-istess Tribunal.

---

[23] Fol 170

Fit-tieni lok, dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, argumenti simili għal dawk imressqa mill-Kunsill attur ġew trattati u deċiżi fil-każ **Antonio Zammit et vs L-Avukat Ġenerali et tat-12 ta' Lulju 2023** -

*"25. Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw ukoll dwar il-mod kif tmexxew il proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Ir rikorrenti jgħidu li l-preżenza ta' Martin Saliba bħala Chairperson tat-Tribunal lilhom kisritilhom id-dritt fundamentali tagħhom li jingħataw smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali, u dan stante li Martin Saliba kien fil-passat, impjegat tal-Awtorità tal-Ippjanar, li ħareġ b'unpaid leave, u meta temm l inkarigu li kellu fit-Tribunal, irritorna lura fl-impjieg mal-Awtorità tal-Ippjanar. Ir-rikorrenti jsostnu li dan lilhom illedielhom il-jedd fundamentali tagħhom li jingħataw smigħ xieraq, u dan għaliex Saliba naqas milli jirrikuża ruħhu jew li jinforma lill-partijiet li huwa kien qiegħed bl-unpaid leave mill-Awtorità tal Ippjanar.*

*26. Il-Qorti tqis li l-proċeduri quddiem it-Tribunal inbdew mill-applikant Shaun Bartolo, li kien qiegħed jappella mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill Awtorità tal-Ippjanar. Ir-rikorrenti ma kinux parti minn dawk il-proċeduri, għajr għall-fatt li rreġistraw l-oġġezzjoni tagħhom għat-talbiet ta' Bartolo. It-Tribunal, presedut minn Martin Saliba, iddeċieda li l-appell ta' Bartolo għandu jiġi milqugħ, u għalhekk iddeċieda li d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar għandha tiġi varjata, ossija jirriżulta li t-Tribunal mar kontra d-deċiżjoni restrittiva mogħtija mill-Awtorità tal-Ippjanar meta din ħarġet il-permess l-ewwel darba. Dan ifisser li minkejja li Saliba kellu, fil-passat, impjieg mal-Awtorità tal-Ippjanar u żamm il-jedd li jkun jista' jirritorna fl-impjieg ta' din l-Awtorità, kif kellu kull dritt li jagħmel skont il-ftehim kollettiv esebit, dan fil-fatt kien parti minn Bord li ħa deċiżjoni li tmur kontra d-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorità u favur l-applikant. Saliba ma ħax id-deċiżjoni waħdu, u l-liġi li tirregola din il-materja tipprovdi li t Tribunal għandu jkun kompost minn tliet membri, sabiex jiġi assigurat li deċiżjonijiet ma jitteħdux minn bniedem waħdu, u għalhekk ma jistax jingħad li l-klawsola li tippermetti li uffiċjal pubbliku jirritorna lura fl-impjieg li kellu qabel ma ngħata inkarigu ma' istituzzjoni jew awtorità oħra fis-servizz pubbliku, hija leżiva tal-jedd għal smigħ xieraq. Martin Saliba ma kien qiegħed jipperċepixxi l-ebda introjtu mill-Awtorità tal-Ippjanar, ma żamm l-ebda uffiċċju f'din l awtorità, u li kif spiss jiġri meta uffiċjal pubbliku jkun ser jassumi kariga għal żmien definit, dan talab li jingħata d-dritt li jkun jista' jirritorna lura fl-impjieg*

*li kellu mal-Awtorità tal-Ippjanar wara li jtemm il-kariga u r-rwol li assuma mat Tribunal. Dan, fil-fehma tal-Qorti, ma jammontax għal leżjoni tad-dritt tar rikorrenti għal smigħ xieraq, u għalhekk anki din it-talba tagħhom qegħda tiġi miċħuda."*

Fuq l-istess binarju, fil-kawża odjerna l-Qorti ma tarax li seħħ nuqqas t'indipendenza u mparzjalita' fir-rigward tas-sur Joseph Borg. Fost affarijiet oħra, l-fatt li t-Tribunal huwa kompost minn tlett membri u jagħti aktar garanziji li mhux biss persuna waħda tkun qed tagħti l-ġudizzju, iżda tlieta. **Inoltre, c-Chairman ma żamm ebda uffiċċju fl-Awtorita' meta ngħata l-unpaid leave. Senjatament irriżulta wkoll li ebda parti mill-introjtu tiegħu fil-perjodu li huwa dam mat-Tribunal ma kien jingħatalu mill-Awtorita', allura żgur li ma kien soġġett għall-ebda pressjoni finanzjara minn dan il-lat.**

Anke għal dak li jirrigwarda d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal li permezz tagħha ġie approvat il-permess fuq imsemmi PA 2000/99, ma nġiebet ebda prova li b'xi mod Joseph Borg iffavorixxa lill-Awtorita'. **Mhux talli hekk talli r-raġunament u l-konklużjonijiet ta' tali deċiżjoni ġew konfermati mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-proċeduri fuq imsemmija Rik Nru 5/2020. (Enfasi ta' din il-Qorti.)**

Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tqis bħala fondata l-pretensjoni tal-Kunsill attur li seħħ xi nuqqas t'indipendenza u mparzjalita' fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern.

Għal dak li jirrigwarda l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, lanqas ma jirriżulta li dawn ġew leżi fil-konfront tal-Kunsill attur. Minn dak esebit in atti l-Qorti tiddeduċi li fil-proċeduri tat-Tribunal mertu tal-każ u li fihom kien hemm Joseph Borg il-ġustizzja saret u dehret li qed issir. Kif ingħad, dik id-deċiżjoni ġiet skrutinjata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Ma tressaq ebda lment, dirett jew indirett mill-Kunsill attur li huwa ma ngħatax smiegħ xieraq jew ma kienx hemm ugwaljanza fl-eżerċizzju tad-drittijiet bejn il-partijiet.

Għar-raġunijiet hekk esposti l-Qorti ssib li hemm distinzjoni minn dak deċiż aktar tard mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ċitata mill-attur Kunsill fl-ismijiet **Hitachi Zosen Inova AG – Terna S.A. vs Dipartiment tal-Kuntratti et.**[24]

Din il-Qorti tagħraf li f'dik id-deċiżjoni l-Qorti tal-Appell tat-tifsira ċara ta' dak li hu konflitt ta' interess ukoll imparzjalita' soġġettiva u oġġettiva'. F'din is-sentenza ferm studjata, li l-Qorti se tiċċita fit-tul, wieħed malajr jinduna li l-pożizzjoni tal-membri hemm oġġezzjonati kienet ferm aktar prekarja minn dak li qiegħed jiġi dibattut hawn illum, oltre anke il-liġi nnifisha hemm rilevanti kienet timponi fuq il-membri li jindikaw kull konflitt ta' interess li setgħu jirriskontraw u dan sar aktar ovvju u onoruz minħabba l-involviment tagħhom oltre dak fil-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. Il-Qorti tal-Appell qalet dan:

[24] Deċiża mill-Qorti tal-Appell 20 ta' Gunju, 2024. Rikors numru 122/2024/1

*"68. Illi skont ir-**Regolament 81 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, il-Bord ta' Reviżjoni huwa magħmul minn Chairman u żewġ membri permanenti, li wieħed minnhom jaġixxi bħala Deputat Chairman. Dawn kollha jiġu maħtura mill-Prim Ministru fuq il-parir tal-Ministru responsabbli għal Finanzi għal żmien ta' tliet snin bil-possibbiltà li jerġgħu jinħatru. Il-Prim Ministru għandu wkoll jaħtar għal perjodu ta' tliet snin bil-possibbiltà ta' ħatra mill-ġdid, elenku ta' membri sostituti biex jieħdu post il-membri permanenti, fl-eventwalità li wieħed jew aktar mill-membri permanenti ma jkunux jistgħu jieħdu sehem f'xi każ partikolari. Skont ir-**Regolament 83 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, il-membri tal-Bord ta' Reviżjoni għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni li l-Prim Ministru jista' jiddetermina.*

*69. Imbagħad ir-**Regolament 85 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** jitkellem dwar l-iskwalifika tal-President u l-membri l-oħra tal-Bord. Dan ir-regolament jaqra hekk:*

*85.(1) Iċ-chairman jew il-membri l-oħra tal-Bord ta' Reviżjoni jkunu skwalifikati milli jittrattaw kawża f'dawk iċ-ċirkostanzi li jiskwalifikaw imħallef f'kawża ċivili, u f'każ bħal dan iċ-chairman jew membru għandu jiġi mibdul minn membru ieħor mill-elenku.*

*(2) Persuna tkun skwalifikata milli tinħatar jew tkompli sservi bħala membru tal-Bord ta' Reviżjoni jekk tkun membru tal-Kamra tad-Deputati, jew tal-Parlament Ewropew jew ta' Kunsill Lokali jew ta' xi bord amministrattiv ieħor jew tribunal jew jekk ikollha xi interess finanzjarju jew interess ieħor li x'aktarx jippreġudika t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Bord ta' Reviżjoni.*

*(3) Kull membru tal-Bord ta' Reviżjoni li jista' jkollu interess dirett jew indirett f'xi kuntratt li jsir is-suġġett ta' lment għandu jinforma liċ-chairman bil-miktub dwar dak l-interess, f'liema każ il-membru jkun prekluż milli jieħu aktar sehem fis-smigħ tal-ilment.»*

*70. Minn qari ta' dan ir-regolament joħroġ ċar li r-raġunijiet ta' skwalifika tal-President u tal-membri l-oħra tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi mhumiex ristretti għal dawk iċ-ċirkostanzi biss fejn imħallef huwa bil-liġi skwalifikat milli joqgħod f'kawża ċivili. Kemm hu hekk ir-**Regolament 85(2)** isemmi ċirkostanzi oħra fejn persuna għandha tkun awtomatikament skwalifikata milli tinħatar jew tkompli sservi bħala membru tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. Fosthom hemm imsemmija ċ-ċirkostanza fejn il-membru tal-Bord ikollu xi interess*

*finanzjarju jew xi interess ieħor li x'aktarx jippreġudika t-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu bħala membru tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. Huwa sewwasew minħabba f'hekk li skont ir-***Regolament 85(3)***, kull membru ta' dan il-Bord, li jista' jkollu interess dirett jew indirett f'xi kuntratt li jsir is-suġġett ta' ilment, għandu jinforma liċ-Chairman bil-miktub dwar dak l-interess, f'liema każ il-membru jkun prekluż milli jieħu aktar sehem fis-smigħ tal-ilment.*

*71. Ir-Regolament 85 ta***r-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** *fuq imsemmi ma jfissirx eżattament x'jikkostitwixxi interess finanzjarju jew x'jikkostitwixxi interess ieħor li x'aktarx jippreġudika t-twettiq tal-funzjonijiet ta' persuna bħala membru tal-Bord ta' Reviżjoni. B'danakollu din il-Qorti qiegħda tifhem li dawn l-interessi għandhom jiġu meqjusa fid-dawl tat-tifsira ta' «kunflitti ta' interess», li nsibu fil-ġabra ta' tifsiriet fir-Regolament 2 ta***r-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku***. Skont dan ir-regolament:*

*«"kunflitti ta' interess" għall-inqas tfisser kull sitwazzjoni fejn persuna, inklużi membri tal-persunal tal-awtorità kontraenti jew ta' fornitur ta' servizzi li jaġixxu f'isem l-awtorità kontraenti, li huma involuti fit-tmexxija tal-proċedura ta' akkwist jew jistgħu jinfluwenzaw ir-riżultat ta' dik il-proċedura, li għandhom, direttament jew indirettament, interess finanzjarju, ekonomiku jew interess personali ieħor li jista' jitqies li jikkomprometti l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ta'akkwist.»*

*72. M'hemmx dubju li l-President u l-membri tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi huma persuni li bid-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu jinfluwenzaw ir-riżultat ta' proċedura ta' akkwist. Għalhekk biex dawn ikunu jistgħu jiddeċiedu każ bħala parti mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti jeħtieġ li dawn ukoll ma jkunux milquta minn kunflitt ta' interess kif imfisser f'dan ir-regolament. L-istess jgħodd ukoll għall-Imħallfin li jpoġġu fil-Qorti tal-Appell, f'każ li jkunu qegħdin jisimgħu xi appell magħmul taħt ir-***Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku***.*

*73. Ta' min jgħid li din it-tifsira ta' «kunflitti ta' interess» ġejja mill-*

***Artikolu 24 tad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku****.*

*74. Ingħad mill-Qorti Ġenerali fil-**kawża T-415/10, Nexans Franza v. Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni** deċiża fl-20 ta' Marzu 2013, illi l-kunċett ta' kunflitt ta' interessi għandu natura oġġettiva u sabiex dan jiġi determinat għandhom jiġu injorati l-intenzjonijiet tal-persuni kkonċernati, b'mod partikolari r-rieda tajba tagħhom. Biss però s-sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi trid tkun waħda reali u mhux waħda sempliċement ipotetika (ara l-**Kawża T-403/12, Intrasoft International SA v. Il-Kummissjoni Ewropea** deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2015).*

*75. Fil-**Kawża T-160/03, AFCon Management Consultants and Others v. Commission of the European Communities** deċiża fis-17 ta' Marzu, 2005 ġie mtenni li hemm każ ta' kunflitt ta' interess jekk membru tal-kumitat tal-għażla kien jaħdem ma' kumpanija sussidjarja ta' wieħed mill-membri li jifforma parti minn konsorzju li ħa sehem f'sejħa.*

*76. Illi minkejja li dawn is-sentenzi fuq imsemmija ma ngħatawx fil-kuntest tat-tifsira ta' «kunflitti ta' interess», kif misjuba fl-**Artikolu 24 tad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku**, din il-Qorti xorta waħda tqis li dawn il-prinċipji mnissla minn dawn is-sentenzi huma ta' rilevanza dwar kif hija għandha tħares lejn din it-tifsira.*

*77. Il-Qorti qiegħda żżomm f'moħħha hawnhekk ukoll illi xilja ta' kunflitt ta' interess fi proċeduri ta' akkwist pubbliku għandha tiġi mistħarrġa b'reqqa liema bħalha, peress li huwa magħruf li l-qasam tal-akkwist pubbliku huwa meqjus bħala waħda mill-aktar attivitajiet ta' Gvern, li huma l-aktar vulnerabbli għall-ħela, għall-abbuż, għall-frodi u għall-korruzzjoni. Dan aktar u aktar meta fil-każ tal-lum, il-proċess mertu ta' dan l-appell jinvolvi proġett kbir li saħansitra jiswa aktar minn nofs biljun ewro.*

*78. Issa l-liġi tgħid li hemm kunflitt ta' interess jekk persuna jkollha direttament jew indirettament, xi interess finanzjarju, ekonomiku jew interess personali ieħor li jista' jitqies li jikkomprometti l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ta' akkwist.*

*79. F'dan il-kuntest din il-Qorti tqis li jgħodd ħafna dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Lawrence Grech et v. L-Avukat Ġenerali et***

*deċiża fis-7 ta' Marzu, 2017, jiġifieri, li għalkemm dak li tħoss jew taħseb jew tibża' parti f'kawża dwar il-parzjalità jew imparzjalità tal-ġudikant huwa wkoll rilevanti, dan però mhuwiex il-kriterju determinanti. Dak li hu tabilħaqq determinanti hu jekk dik il-biża' jew dik il-perċezzjoni humiex imsejsa fuq konsiderazzjonijiet oġġettivi, hekk li persuna raġonevoli u mingħajr preġudizzji tagħha tasal biex hi wkoll ikollha dubji dwar l-imparzjalità tal-ġudikant. L-apparenzi wkoll jistgħu jkunu konsiderazzjonijiet oġġettivi li joħolqu dubji. Ukoll jekk ma hemmx rabtiet ġerarkiċi bejn ġudikant u parti fil-kawża, jekk l-apparenzi huma tali li persuna raġonevoli tista' wkoll mingħajr wisq tiġbid taħseb li hemm dawk ir-rabtiet, id-dubju ta' dik il-persuna dwar l-imparzjalità tal-ġudikant jista' jkun dubju ġustifikat.*

*80. Sa ċertu punt l-istess kunċett dwar l-imparzjalità japplika wkoll fil-kuntest tal-prinċipju tal-indipendenza tal-membri li jifformaw parti mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. Biex membru jitqies li jkun tabilħaqq indipendenti mhuwiex biżżejjed li dan ikollu s-setgħa legali li jwettaq apprezzament awtonomu, mingħajr indħil ta' ħadd, tal-każ li jkollu quddiemu u li jasal għal deċiżjoni li jorbot lill-partijiet li jidhru quddiemu. Hemm bżonn ukoll li dak il-membru ma jkunx f'qagħda ta' sudizzjoni quddiem waħda mill-partijiet jew b'xi mod ikun suġġett għal xi sura ta' kontroll jew influwenza minn waħda mill-partijiet. Dan jista' jiġri pereżempju jekk membru tal-Bord ikun ġerarkikament inferjuri għal waħda mill-partijiet, bħal meta dak il-membru jkun ukoll membru ta' xi korp organizzat u parti tkun superjuri tiegħu f'dak l-istess korp u għalhekk tkun tista' tiddeċiedi dwar il-kariga jew is-salarju tiegħu. L-istess jista' jiġri wkoll jekk parti jkollha s-setgħa li tiddeċiedi jekk membru tal-Bord jistax jibqa' membru jew le ta' dak il-Bord.*

*81. Fil-każ tagħna, jirriżulta li l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kien mitlub biex jistħarreġ is-siwi ta' deċiżjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti u tal-kumitat tal-għażla maħtur minn WasteServ Malta Limited bħala l-awtorità kontraenti, li jagħtu kuntratt ta' €599,659.00 lill-konsorzju Paprec Energies International - BBL Malta, b'rabta ma' proġett ta' skala kbira dwar l-istrateġija nazzjonali li għandha x'taqsam mal-ġestjoni tal-iskart.*

*82. Fil-fatt WasteServ Malta Limited tagħfas ħafna fir-risposta tal-appell tagħha dwar l-importanza kbira wara dan il-proġett. Minn dan kollu joħroġ għalhekk li l-kwistjoni li kellu quddiemu l-Bord kienet waħda ta'*

*natura pubblika għaliex tinvolvi proġett nazzjonali kbir, li mhux biss huwa importanti ħafna għal Gvern ta' Malta iżda li jattira wkoll anke l-attenzjoni pubblika. F'ċirkostanzi bħal dawn il-ħtieġa li jiġu mħarsa l-kunċetti ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-ġudikant jassumu karattru aktar oneruż (ara f'dan is-sens **General Workers' Union v. L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru, 2018).*

*83. Issa kif inhuwa magħruf l-amministrazzjoni pubblika moderna mhijiex magħmula biss mid-dipartimenti u mill-ministeri tal-Gvern, iżda hija magħmula wkoll minn korpi u organizzazzjonijiet varji li ġew maħluqa fi ħdan dik l-istess amministrazzjoni pubblika. Korpi u awtoritajiet amministrattivi fid-diversi setturi tal-ekonomija pubblika jikkomponu sewwasew il-komplessità tal-Istat modern (ara **Direttur Staff Development Organisation v. Carmel Grech** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-29 ta' Mejju, 2009).*

*84. Dan kollu jassumi aktar saħħa fil-każ tal-lum peress li d-Dipartiment tal-Kuntratti, WasteServ Malta Limited, Enemalta plc, Malta Government Investments Limited, il-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma u ClearFlowPlus plc, li b'xi mod jew ieħor jissemmew fil-kuntest ta' dan l-ewwel aggravju, kollha kemm huma jinsabu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** u/jew ir-**Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali**; u dana bħala entitajiet li jew jinsabu espressament imniżżla bħala awtorità kontraenti f'dawn ir-regolamenti jew inkella li jaqgħu fit-tifsira ta' awtorità kontraenti minħabba li huma finanzjati, mill-biċċa l-kbira, mill-Istat, jew awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku.*

*85. Tassew dak li hemm komuni bejn dawn l-entitajiet huwa l-fatt li b'xi mod jew ieħor hemm l-Istat imdaħħal fihom għaliex jew huma finanzjati minnu jew inkella għaliex huma suġġetti għas-superviżjoni maniġerjali ta' persuni li huma maħtura mill-Istat.*

*86. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tistax tqis li huwa wisq imġebbed l-argument tal-konsorzju appellanti li Kenneth Swain u l-Avukat Vincent Micallef huma milquta minn kunflitt ta' interess. Dan*

*peress li dawn iż-żewġ persuni minbarra li jokkupaw il-kariga ta' membri tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, huma jokkupaw ukoll il-kariga ta' diretturi f'entitatijiet oħra li huma regolati bid-dritt pubbliku skont kif imfisser fir-Regolament 2 ta**r-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**.*

*87. Tassew osservatur oġġettiv minn barra jista' raġonevolment ikollu suspetti jew dubji serji dwar l-indipendenza u l-imparzjalità ta' dawn iż-żewġ membri, meta wieħed iqis li dawn jiddeċiedu kwistjonijiet fejn dejjem ikun hemm involuti awtoritajiet kontraenti, li fihom kif ingħad il-Gvern ikun b'xi mod jew ieħor preżenti, u allura dawn iż-żewġ membri jaf ikollhom interess personali li ma jiddeċiedux kontra deċiżjonijiet meħuda minn dawn l-awtoritajiet kontraenti sabiex b'hekk huma jkunu jistgħu jħarsu l-karigi li jokkupaw fi ħdan awtoritajiet kontraenti oħra.*

*88. F'dan il-kuntest ma tagħmilx wisq differenza jekk il-kariga li dawn il-membri tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jkunu jokkupaw f'dawn l-awtoritajiet kontraenti humiex ta' natura eżekuttiva jew le. Dan għaliex f'dan il-każ it-theddida fuq l-indipendenza u/jew fuq l-imparzjalità mhijiex relatata mat-tmexxija tal-awtorità kontraenti involuta iżda hija relatata mal-membru nnifsu tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi li jkun qed jokkupa l-kariga fi ħdan xi awtorità kontrenti, minħabba li dan jista' jiddeċiedi b'ċertu mod sabiex b'hekk ma jipperikolax il-kariga tiegħu jew inkella biex forsi jtejjeb il-kariga tiegħu.*

….

*91. Mod ieħor, dak li qiegħda tgħid il-Qorti huwa biss, li meta wieħed iqis id-daqs u l-valur enormi tal-proġett mertu ta' dan l-appell, kien xieraq li Kenneth Swain u l-Avukat Vincent Micallef ma jpoġġux fuq il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u dan appuntu minħabba d-dell tqil li kien hemm jokrob fuq l-indipendenza u fuq l-imparzjalità tagħhom fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom bħala membri tal-Bord ta' Reviżjoni, kif imsemmi fi**r-Regolament 85(2) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**.*

*92. Il-fatt imbagħad li Kenneth Swain huwa direttur tal-Enemalta plc, li ntrabtet permezz ta' Power Purchase Agreement, li tixtri l-enerġija li ħa tiġi ġenerata bil-kuntratt mertu tal-avviż CT 2023/2022, ikompli jkabbar*

*aktar il-kunflitt ta' interess tiegħu u jqanqal aktar beżgħat u dubji raġonevoli dwar l-imparzjalità u l-indipendenza tiegħu. Mhijiex raġuni remota jew imġebbda wisq li direttur tal-Enemalta plc, anke jekk mingħajr setgħat eżekuttivi, iżda li għandu s-setgħa li jinfluwenza r-riżultat tal-kuntratt mertu tal-avviż CT 2023/2022 bħala President tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, jiddeċiedi favur ir-regolarità tal-proċess sabiex b'hekk l-impjant ikun jista' jinbena u l-Enemalta plc tkun tista' tikseb l-enerġija mingħajr dewmien.*

*93. Il-Qorti temmen li Kenneth Swain u l-Avukat Vincent Micallef kellhom jimxu fuq l-eżempju ta' Lawrence Ancilleri, li b'mod korrett għażel li jastjeni milli jpoġġi fil-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi minħabba li bintu taħdem mal-WasteServ Malta Limited. Fuq kollox, il-kunflitt ta' interess kien aktar lampanti fil-każ ta' Kenneth Swain u tal-Avukat Vincent Micallef għaliex dan kien jolqot lilhom direttament, milli fil-każ ta' Lawrence Ancilleri li kien jolqtu biss indirettament minħabba bintu."*

Huwa ċar minn dan ċitat illi l-membru hawn ikkontestat, Joseph Borg mhux milqut b'dak li kkunsidrat il-Qorti tal-Appell f'dan suċitat. Borg la kellu konnessjoni finanzjara ma' l-Awtorita' u lanqas xi uffiċċju jew ħjiel ta' konflitt jew interess ma l-istess. Tista tgħid lil konessjoni tiegħu kienet għal kollox passiva b'tali mod li ma setgħatx tħalli influenza fuqu. Ma kien hemm xejn li jindika li dan kien taħt influenza, lid-deċiżjoni tiegħu kienet hekk affettwata u li hu kellu konflitt ta' interess reali. Dan jitqies ukoll fl-ambitu tal-fatt li din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata anke mill-Appell.

Ukoll fl-ambitu t'imparzjalita' oġġettiva, applikat għall-każ in eżami, dan il-kunċett ma jistax jkun tali li jiddependi mill-fatt li jekk membru ta' Bord, għax ittieħdet deċiżjoni li ma tintogħġobx, ikun imwarrab mill-istess jew agħar li

tinvalida deċiżjoni tajba. Għal din il-Qorti dan iwassal biex jiġu imwarrba deċiżjonijiet validi biss minħabba idea ta' konflitt/interess ipotetiku. Għalhekk l-eżami tal-perkezzjoni oġġettiva, imsaħħa bl-espressjoni *'justice must be seen to be done'* trid tkun waħda meqjusa sew u b'serjeta' u mhux riżultat ta' *fleeting thought* għax wieħed hekk jaħseb u jidhirlu.

**Meqjus dak espost it-talbiet attriċi sejrin jiġu miċħuda.**

**Għall-istess raġunijiet, il-bqija tal-eċċezzjonijiet tat-Tribunal konvenut ser jintlaqgħu ħlief safejn inkompatibbli ma' dak deċiż.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet numru wieħed, tnejn u erbgħa tal-konvenut Avukat tal-Istat filwaqt li tilqa' t-tielet eċċezzjoni tiegħu u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;**

2. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjoni numru tnejn, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet enumerati minn tlieta sa**

**sebgħa. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tat-Tribunal ħlief safejn inkompatibbli ma' dak deċiż;**

3. **Tiċħad it-talbiet tal-Kunsill attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**